MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 838/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**vs**
**Yulian Vasilev Iliev**

**Kumpilazzjoni Nru: 838/2012**

**Illum, 11 ta’ Settembru 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Yulian Vasilev Iliev bin Vasil u Dobra xebba Dusheva, imwieled gewwa Varna l-Bulgarija u residenti gewwa ‘Astor Flats’ Flat numru 2, Triq Sir Gorg Borg, Sliema u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 63634(A).

Akkuzat talli f’ dawn il-gzejjer nhar is-16 t’ Awwissu, 2012 bejn it-8:00am u t-8:30am gewwa ‘Aurora Flats’ Triq San Gorg, Paceville f’ San Giljan

1. Wettaq attentat vjolenti ghal pudur ghad-detriment ta’ *Omissis* ta’ nazzjonalita’ Svizzera u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 207 tal-Ligijiet ta’ Malta
2. Akkuzat ukoll li fl-istess data, lok u hin minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ *Omissis* f’ periklu car, ikkagunala hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 218(b)
3. Akkuzat ukoll li fl-istess data, lok hin u cirkostanzi arresta, zamm jew issekwestra lil *Omissis* kontra l-volonta taghha jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata u dan bi ksur tal-Kap 9 Art 86 tal-Ligijiet ta’ Malta
4. Akkuzat ukoll li ghamel reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija tqis lil imputat bhala recidiv that l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:
a) 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 214, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
f) 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda attentat vjolenti ghal-pudur ta’ certa *Omissis* li sehh nhar is-16 ta’ Awissu 2012 ghall-

habta tat-tmienja ta’ fil-ghodu. Dan l-incident sehh fit-tarag f’blokk ta’ appartamenti f’Triq San Gorg Paceville fejn kienet qed toqghod *Omissis*. Dwar dak li gara f’dawk il-mumenti l-unici xhieda huma *Omissis* u l-imputat (li ghazel li jirrilaxxja stqarrija u anke jaghti d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti). Ghandu jinghad pero li dak li gara immedjatament qabel u, sa certu punt, wara jirrizulta b’mod inkonfutabbli minn recording ta’ CCTV camera li kien hemm f’club vicin ta’l-appartamenti.

Illi *Omissis* tghid li hija kienet qattghet il-lejl barra f’Paceville u meta kienet qeghda f’bar minnhom qabdet konverzazzjoni ma’l-imputat (hi ma kenitx tafu qabel) dwar it-tattoos li kellu fuq idejh. *Omissis* kienet waheda u tghid li telqet wahedha mill-bar pero hafna dettalji ta’ x’kienet qed taghmel f’dak il-bar u kif waslet hdejn l-appartament fejn toqghod ma tiftakarhomx. Huwa car, kif del resto hu ammess minnha stess, li *Omissis* kienet xorbot mhux hazin matul dak il-lejl u kienet taht l-influenza tax-xorb li kienet ikkunsmat. Mid-depozizzjoni taghha jidher li lill-imputat mbaghad regghet ratu hdejn il-bieb ta’ l-appartamenti fejn toqghod u hekk kif dahlet mill-bieb principali hu dahal maghha.

Illi hi tkompli tirrakkonta li malli dahlet fil-parti komuni ta’ l-appartamenti u l-imputat dahal warajha hu mill-ewwel beda jhabbatha mal-hajt, nehhielha il-hwejjeg u dahhal il-parti tieghu f’halqha fil-waqt li beda jdahhal subajgh fil-parti taghha[1]. *Omissis* tghid li hi pruvat tirrezisti b’l-ahjar mod li setghet pero meta’ pruvat taharbu l-imputat beda jghatiha daqqiet; fil-hin meta kellu l-parti tieghu f’halqha hi gidmitu. *Omissis* qalet ukoll li tahseb li waqaf u telaq ‘l hemm ghaliex sema’ lil xi hadd fit-tarag; fil-fatt ftit wara li telaq l-imputat niezel xi hadd mill-appartamenti u ghenha. Din il-persuna, guvni Spanjol, ra li *Omissis* kienet minghajr hwejjeg u kellha hafna demm ma’ wiccha; hu tella’ lil *Omissis* fil-kamra tieghu, sejjah li tnejn min-nies ohra u

[1] Skond *Omissis* l-imputat dahhal subghajh kemm f’l-anus kif ukoll fil-vagina; hi spjegat ukoll li dak in-nhar hi kienet qed timmenstruwa u ghalhekk kellha *tampon* fil-parti taghha; hi qalet li l-imputat hareg it-tampon biex ikun jista’ jdahhal subghajh fil-parti taghha.

immedjatament cempel ghal ambulanza u lill-pulizija[2]. Sa kemm waslu l-pulizja *Omissis* inhalset.

Illi kif diga ntqal l-imputat ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Ta min jirrileva li hu ddepona wara li kien ra l-filmat tar-recording mehud mic-CCTV fuq imsemmija.

Illi l-imputat jghid li hu kien qieghed il-Clique ma' xi hbieb qed jiccelebra l-birthday; hbiebu telqu qablu u hu baqa' hemm wahdu. Telaq ghall-habta tat-tmienja u beda miexi minn Triq San Gorg meta ra guvni ikellem tfalja. Malli ghadda minn hdejhom it-tfajla qabdet lill-imputat minn idejh u talbietu jibqa' hemm; hu hekk ghamel u l-guvni l-iehor telaq 'l hemm. L-imputat fehem li din it-tfajla ghamlet hekk biex tehles mill-guvni l-iehor; it-tfajla kienet *Omissis*. L-imputat ikompli jispjega li dak il-hin ftakar li lil *Omissis* kien ra qabel il-Clique.

Illi l-imputat ikompli jirrakkonta li meta telaq il-guvni l-iehor huma bdew jitkellmu u ftit wara *Omissis* stednietu jidhol maghha gewwa ghax riedet tpoggi, allura huma dahlu f'l-appartamenti u qaghdu bil-qeghda fit-tarag li mill-ground floor jaghti ghall-ewwel sular. L-imputat jghid li qaghdu bil-qeghda hemm ipejpu u jitkellmu meta nizel xi hadd mit-tarag u huma kellhom iqumu biex tghaddi din il-persuna. Regghu qaghdu bil-qeghda u komplew jitkellmu, bdiet tghidlu hafna affarijiet fuq il-hajja privata taghha inkluz li ftit xhur qabel kienet hassret mal-boyfriend taghha; hu jghid li tul il-hin kollu li kienu qed jitkellmu (kemm gewwa u anke barra) *Omissis* kienet qed tibki. L-imputat ikompli jirrakkonta li talbietu sigarret iehor meta irealizza li kellha idejha bejn saqajha u kienet qed tigbed xi haga u li l-haga li gibdet tefatha ma'l-art. Komplew jitkellmu u (dejjem skond l-imputat) *Omissis* stednietu biex jitla f'l-appartament taghha pero hu rrifjuta u hi bdiet tidhaq bih. Meta ra hekk l-imputat telaq u hekk kif kien sejjer raha tqum bil-wieqfa b'tazza f'idejha (skond l-imputat din it-tazza kienet ilha f'idejha min x'hin kienu barra) u tipprova titla' t-tarag. Dak kien l-ahhar li ra lil *Omissis* u sa dak il-

[2] Dan jirrizulta mid-depozizzjoni ta'dan l-ispanjol li jismu Diego Alvero Gonzalez.

hin ma kellha l-ebda griehi. L-imputat jghid ukoll li x'hin kien hiereg irrealizza x'kienet dik il-haga li gibdet *Omissis* ghaliex qabel fid-dlam ma kienx raha; mid-dawl li dahal, meta fetah il-bieb biex jitlaq, irrealizza li kienet tampon. Mistoqsi ghaliex fil-filmat deher qed jirranga hwejjgu hekk kif hareg mill-appartamenti jghid li ricentement tilef il-piz u ghalhekk minn hin ghall-iehor ikollu jgholli l-qalziet.

Illi l-Qorti thoss li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet dwar id-depozizzjoni ta' l-imputat.

Illi meta wiehed iqabbel il-verzjoni mghotija fid-depozizzjoni ma' dik li ta waqt l-istqarrija jidhru li hemm xi disprepanzi. F'l-istqarrija l-imputat jghid li meta dahlu f'l-appartamenti *Omissis* qaltlu li ma setghux jitilghu f'l-appartament taghha ghax hi kienet qed joqghod ma' nies ohra, ghalhekk qaghdu fit-tarag ipejpu; f'xi hin niezel xi hadd u kellhom iqumu biex tghaddi din il-persuna. Hekk kif regghu poggew *Omissis* bdiet tghannqu u issaqsih ghaliex ma kienx qed jghannaqha hu ukoll. Hi bdiet tmisslu saqajh u l-parti tieghu u ssaqsih “if I liked her or wanted her”. Dak il-hin hi nizzlet il-qalziet u gibdet xi haga mill-parti taghha li l-imputat f'l-istqarrija kompla jiddeskrivi hekk: “*I think it was a tampax, it was covered with blood and I was disgusted*”. L-imputat ikompli jirrakkonta hekk: “*I pushed her and said that if that was the case I cannot do nothing if you was in period. I pushed her, she tried to push me as well and I remember opening the door and running out. All of this happened in a period of five six minutes or maybe even less”*. Dan jikkontrasta mhux ftit mar-rakkont tieghu mghoti quddiem din il-Qorti.

Illi in oltre l-filmat mehud mic-CCTV camera jindika li l-imputat lanqas ma kien ghal kollox korrett fil-verzjoni tieghu ta' dak li gara qabel ma dahlu f'l-appartamenti. Mill-imsemmi filmat jidher bic-car li kien l-imputat li beda jmiss, jghannaq u ibus lil *Omissis* fil-waqt li hi bdiet taghmel xi tentattivi biex twaqqfu. *Omissis* ma tidhirx li kienet qed tibki. Jidher ukoll li ftit qabel ma dahlu f'l-appartamenti (ezattament fit-08:05:57) l-imputat ha t-tazza li kienet f'idejn *Omissis* u jidher li sakemm dahlu f'l-appartamenti t-tazza baqghet f'idejh. Kontrarjament ghal dak li qal dwar

ghaliex kien qed jirranga hwejjgu meta hareg mill-appartamenti u cioe li tilef il-piz u ghalhekk kull tant ikollu jgholli l-qalziet, f'l-ebda hin tul il-filmat kollu ma jidher qed jgholli l-qalziet[3]. In oltre meta hareg ma kienx qed jgholli l-qalziet imma johrog it-Tshirt mill-qalziet.

Illi dawn id-diskrepanzi jitfghu dell fuq il-kredibilita ta' l-imputat.

Illi min-naha l-ohra *Omissis* li tat il-verzjoni taghha lill-pulizija, lill-Magistrat Inkwirenti, lill-Dr Mario Scerri li kien gie nominat bhala espert f'l-inkjesta, u mbaghad lil din il-Qorti, baqghet dejjem konsistenti fil-verzjoni taghha u fejn ma kenitx tiftakar (minhabba l-effetti ta'l-akohol li kienet ikkunsmat) kienet cara u qalet li ma tiftakarx minghajr ma qaghdet tispekula jew tivvinta.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li ghalkemm *Omissis* kienet taht l-influenza tax-xorb dak il-ftit li ftakret u rrakkontat gie korroborat mill-kostatazzjonijiet maghmula mill-esperti nominati fil-kors ta' l-inkjesta u minn xhieda ohra. Dr Mario Scerri ikkonferma li fost griehi ohra, u minbarra l-lacerazzjoni fuq mohhha, *Omissis* kellha tbengielha fuq darha u abbrazzjonijiet kompatibbli ma grif u blunt trauma; f'l-introjtu (ta' l-anus) kellha abrazzjoni kompatibbli ma' penetrazzjoni sfurzata li tista' tkun digitali; kellha bruising kbir jorigina mill-perianal region u jibqa niezel sa'l-aspett medjali tar-rigel tax-xellug li huwa kompatibbli ma penetrazzjoni sfurzata u qawwija u manipulazzjoni f'l-anus. Il-kostatazzjonijiet li ghamel Dr Mario Scerri gew konfermati mill-espert l-iehor nominat Dr Carmen Portelli. Aktar minn hekk *Omissis* qalet li l-imputat telaq meta sema' lil xi hadd niezel it-tarag. Mill-filmat jidher li l-imputat hareg mill-appartamenti fit-08:24:06; Diego Alvero Gonzalez jghid li hu kien niezel it-tarag ghall-habta tat-08.30. Tenut kont tal-fatt li l-arloggi mhux necessarjament kollha juru l-istess hin u Gonzalez kien approssimattiv fil-hin, il-Qorti hija konvinta li dak li qalet *Omissis* huwa korrett.

[3] Fil-fatt l-imputat kien liebes Bermudas li ma jidhirx li kien jigih wiesgha.

Illi f'dan l-istadju ghandha issir referenza ghat-testijiet ta' DNA li saru. Minn fuq il-post ta' l-incident ittiehdu erbgha swabs minn likwidu li gie riskontrat wara li saru testijiet appozieti mill-esperti nominati[4]. Swab minnhom ittiehdet minn ma'l-irham man-naha t'isfel tal-lift u tlett swabs ohra ittiehdu mit-tarag. L-iswabs li ttiehdu mit-tarag kienu demm u irrizulta li kien demm ta' *Omissis* fil-waqt li l-likwidu li kien hemm mal-genb tal-lift ma kienx demm, minnu hareg profil genetiku ta' ragel li pero ma kienx ta' l-imputat. Dan il-fatt mhux sorprendenti ghaliex wahda mill-ftit affarijiet li jaqblu fuqha l-imputat u *Omissis* hi li huma flimkien kienu qeghdin fit-tarag u li l-imputat la kellu xi griehi u lanqas egakula.

Illi d-difiza ghamlet sottomissjonijiet dwar il-fatt li tul il-hin li *Omissis* u l-imputat kienu fuq it-tarag f'l-appartamenti mill-filmat tac-CCTV deher ragel diehel (fit-08:08:15) u zewg persuni hergin (08:12:38 u 08:13:50 rispettivament). F'dan ir-rigward jibda biex jinghad li, tenut kont tal-konfigurazzjoni ta'l-entratura ta'l-appartamenti, minn ikun qed juza l-lift mhux necessarjament jara dak li kien qed jigri fit-tarag. Wiehed ma jistax jinsa ukoll li, ghal ragunijiet varji, mhux kull min jara persuna ohra fil-bzonn jieqaf u jinvolvi ruhu. In oltre jirrizulta ukoll li mhux biss gie riskontrat id-demm fejn *Omissis* qalet li l-imputat kien qed ihabbatha mal-hajt imma anke instabet tampon[5] uzata f'l-indana tat-tarag. Il-fatt li hargu u dahlu nies f'l-appartamenti ma jinnegax dak li jirrizulta adegwatament pruvat imma jindika li waqt li kien qed jigri dak kollu li rrakkontat *Omissis* kien hemm nies li jew (minhabba l-konfigurazzjoni ta'l-entrata) ma ndunawx x'kien qed jigri jew minkejja li raw xi haga ma ridux jinvolvu ruhhom.

Illi l-Qorti, fid-dawl dawn il-konsiderazzjonijiet, u wara li kellha l-opportunita tara u tisma liz-zewg partijiet jaghtu l-verzjonijiet taghhom, u dan fid-dawl tal-provi kollha

---

[4] Irrizulta li qabel ma waslu l-pulizija fuq il-post sid l-appartamenti kien diga ordna t-tnaddif tal-post; hu qal li ghalkemm ra d-demm fuq it-tarag u xi hmieg iehor ma realizzax li l-incident kien dak li hu allura qal lil cleaners biex jipprocedu bil-hasil tal-post. L-esperti pero xorta permezz tat-teknika minnhom adoperata setghu jirriskontraw prezenza ta' demm u likwidi ohrajn.

[5] Ref depozizzjoni Dorian Dalli a fol 48.

prodotti, hija konvinta li tista' taghti kredibilita lil *Omissis* f'dak li qalet.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota ta' riviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma: attentat vjolenti ghall-pudur ta' *Omissis*; offiza gravissima fuq il-persuna ta' *Omissis*; sekwestru ta' persuna; ksur ta' sentenza sospieza; u recidiva.

Ikkusndrat

Illi r-reat ta' **attentat vjolenti ghall-pudur** hu ipotizzat f'l-artikolu 207 li jipprovdi hekk:

*Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel il-piena ta'…*

Illi dwar l-attentat vjolenti ghall-pudur il-Qorti ta'l-Appelli Kriminali tghallem li:

*L-attentat vjolenti ghal pudur – il-vokabolu 'attentat' fis-sens ta''osare', 'ardire', 'thebb' – jew oltragg vjolenti ghal pudur hu kostitwit minn tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona* ***contra la di lei volonta***[6]*. (Carrara, Programma – 1542)" "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richiedono condizioni speciali degli elementi costitutivi del corpus criminis in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato.*[7]

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-atti kommessi mill-imputat jaqghu taht definizzjoni ta' *atti impudici.* Dwar in-nuqqas ta' volonta ta' *Omissis* ghal dawn l-*atti impudici*

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[7] Ref Pulizija vs Gerald Cassar Appell Kriminali deciza 18/07/1959.

mwettqa mill-imputat il-Qorti hija sodisfatta li *Omissis* uriet lill-imputat b'l-ahjar mod li setghet li hi ma riditx dawn l-atti, fatt li jirrizulta mhux biss minn dak li qalet imma anke mill-kostatazzjonijiet ta' Dr Mario Scerri meta ikkonkluda li l-griehi riskontrati fuq gisem *Omissis* jindikaw li l-penetrazzjoni li hija subiet kienet sfurzata.

Illi tenut kont tan-nuqqas ta' volonta tal-vittma u ta'l-atti imwettqa mill-imputat u dan fid-dawl tal-gurisrudenza fuq kwotata, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li sehh dan l-oltragg vjolenti ghall-pudur ta' *Omissis* u li konsegwentement l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija 'l hekk imsejjha offiza gravissima ai termini ta'l-artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax ezattament kif giet ikkawzata l-lacerazzjoni li kellha *Omissis* fuq mohhha. Hi, minhabba li kienet taht l-influenza tax-xorb, ma tiftakarx ezattament kif giet kawzata, pero qalet li l-imputat habbtilha rasha diversi drabi u li "*I hit the stairs when he was hiting me*[8]".

Illi dwar din il-ferita l-imputat, apparti li jghid li meta telaqha *Omissis* ma kellha l-ebda ferita, jinsinwa li jista jkun li *Omissis* weggghet bit-tazza li kellha f'idejha. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li (kif diga ntqal) l-ahhar li dehret it-tazza fil-filmat tac-CCTV din kienet f'idejn l-imputat u mhux f'idejn *Omissis*. In oltre l-espert Dr Mario Scerri kkonkluda li dik il-lacerazzjoni kienet kompatibbli ma' blunt trauma u kienet akkompanjata bi dbengila ta' kulur vjola. Aktar minn hekk l-imputat telaq lill-vittma meta huwa sema lil xi hadd niezel it-tarag; wara irrizulta li dan kien Diego Alvero Gonzalez li qal li meta hu nizzel it-tarag (allura immedjatament wara li telaq l-imputat) lil *Omissis* ra b'wiccha kollu demm.

[8] Ref depozizzjoni a fol 14.

Illi tenut kont ta' dan l-Qorti hija sodisfatta li din il-lacerazzjoni fuq mohh *Omissis* ikkawzaha l-imputat.

Illi skond dawn l-artikoli 218(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 kwotati mill-Avukat Generali offiza tikklassifika bhala gravissima

*(a) jekk tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh; u*
*(b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;*

Illi mill-provi prodotti u mill-kostatazzjonijiet ta' Dr Mario Scerri huwa car li fil-kors ta'dan l-incident *Omissis* ma' soffritx xi offiza li ggib il-konsegwenzi elenkati fil-paragrafu "a" fuq kwotat ghalhekk dan il-provvediment zgur ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Illi dwar l-isfregju l-Qorti ghandha tirrileva li hi ma kellhiex l-opportunita li tara l-lacerazzjoni hlief mir-ritratti, ghaliex meta *Omissis* dehret quddiemha l-lacerazzjoni kienet mghottija. Minn dawn ir-ritratti pero l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li din il-lacerazzjoni kkawzat sfregju f'wicc *Omissis Omissis*.

Illi pero biex sfregju jigi klassifikat taht il-paragrafu "b" ta'l-imsemmi artikolu 218(1) irid ikun gravi u permanenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tghallem hekk dwar l-isfegju imsemmi f'l-artikolu 218 kif komparat ma' dak imsemmi f'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9:

*B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza*

*ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*[9]*.*

Illi aktar minn hekk l-istess Qorti qalet li:

*Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tali sfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa offiża gravivissima' skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9*[10]*.*

Illi kif diga ntqal il-Qorti rat ritratt tal-lacerazzjoni mehud sitt sieghat wara li sehh l-incident. Skond Dr Mario Scerri din il-lacerazzjoni ser thalli marka permanenti, fatt li din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwaru. L-istess ma jistax jinghad dwar il-"gravita" ta'l-isfegju fis-sens li l-Qorti ghandha dubbju kemm is-sinjal, li zgur ser thalli l-lacerazzjoni subita mill-vittma, jista jnissel ribrezz jew ripunjanza b'mod li tirrendi l-offiza kemm permanenti kif ukoll gravi ai fini ta' l-artikolu 218.

Illi ghalhekk u  in vista tal-principju *in dubbio pro reo* l-imputat qed jinstab hati tar-reat predispost f'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 li huwa reat minuri kompriz u involut fir-reat ravvizat f'l-artikolu 218 kwotat mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar sekwestru ta' persuna. Skond l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna:

---

[9] Ref Il-Pulizija vs Paul Spagnol deciza fit-12 ta' Settembru 1996.
[10] Ref  Il-Pulizija vs Fortunato Sultana deciza fit-05.02.1998.

*kull min, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid[11]:

*the words “arrest” “detention” and “confinement” are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: “Il reato preveduto nell’articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.” (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.”*

Illi pero fil-kaz ta’ arrest illegali ta’ persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta’ stupru, korruzzjoni ta’ minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta’ arrest illegali. Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali tghallem li:

*dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent … jew dik ta’ … korruzzjoni ta’ minorenni … u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’ hafna kazi l-att sesswali f’ certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru. … Imma ancorche’ kellu jirrizulta li ……. f’ xi hin li kellu relazzjonijiet intimi*

[11] Notes on Criminal Law Part II pagna 40.

*mal-minuri…, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom.*[12]

Illi jirrizulta li ghal xi hin *Omissis* ma setghetx tahrab minn taht l-imputat ghaliex hu kien qed izommha b'certu forza pero hi dahlet fil-post fejn sehh l-incident minn jeddha u malli l-imputat waqaf mill-atti inkriminanti telaq jigri u halla lill-imsemmija *Omissis* libera biex tmur fejn trid. Tenut kont ta' dan u fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata ma jistax jinghad li kien hemm sekwestru ta' persuna kif kontemplat f'l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk din it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ahhar zewg imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bi ksur ta' sentenza sospieza u recidiva.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-15 ta'Marzu 2012 inghatat sentenza fil-konfront ta' l-imputat permezz ta' liema huwa gie ikkundannat sena u nofs prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 gew sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi l-fatti mertu tal-proceduri odjerni sehhew fis-16 ta' Awissu 2012 u ghalhekk fil-perjodu tat-tlett snin li bdew jiddekkorru mid-data tas-sentenza fuq imsemmija.

Illi ghalhekk r-raba u l-hames immputazzjonijiet jirrizultaw sodisfacjentement pruvati b'dan li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28F l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 biss u mhux ta'l-artikolu 50 ukoll.

Ikkunsidrat

[12] Ref Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qorti Kriminali deciza 19/10/2006.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 28F, 49, 207, 214, 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jinstab hati ta' recidiva ai termini ta'l-artikolu 49 biss, u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija, in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed idahhal fis-sehh is-sentenza ta' sena u nofs prigunerija mghotija fil-15 ta' Marzu 2012. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sitt elef tlieta u tmenin Euro u tmien centezmi (€6,083.08) rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta'l-esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------